II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2043

tas-16 ta' Novembru 2015

li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 753/2011.

(2) Fit-2 ta' Novembru 2015, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, emenda l-lista ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

ANNESS

L-entrata li ġejja tiżdied fil-Parti A tal-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 (Individwi assoċjati mat-Taliban):

Torek Agha (*psewdonimu*: **(a)** Sayed Mohammed Hashan, **(b)** Torak Agha, **(c)** Toriq Agha, **(d)** Toriq Agha Sayed).

Titolu: Haji. **Indirizz:** Pashtunabad, Quetta, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Data tat-twelid: (a)** 1960 **(b)** 1962 **(c)** Bejn wieħed u ieħor fl-1965. **Post tat-twelid: (a)** Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan **(b)** Pishin, Provinċja ta' Baluchistan, il-Pakistan. **Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Pakistani 5430312277059 (miksub b'mod frodulenti u minn dak iż-żmien ikkanċellat mill-Gvern tal-Pakistan). **Informazzjoni oħra:** Kmandant ewlieni tal-kunsill militari tat-Taliban involut fil-ġbir ta' fondi minn donaturi ibbażati fil-Golf. Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. **Data tad-deżinjazzjoni min-NU:** 2.11.2015.